# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

30 ta' Lulju 2026

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-3.09pm.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Franco Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana - Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jeanette Grima – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA 29

29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 27 & 28
29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
29.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
29.5 Attivitajiet
29.6 Ilmenti u suġġerimenti
29.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 07/2026
29.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss;

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

29.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 27 u 28

29.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.27 u 28 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 29.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

29.3.1 Is-sindku qal li rigward il-proġett tal-belvedere ta' Triq 28 ta' April, il-kunsill irid joħroġ tliet (3) tenders fis-suq marbuta mal-materjal, ieħor fuq l- għamara, benches u dawl artifiċjali l-aħħar tender marbut mat-trinek. Dawn it-tenders iridu joħorġu peress li l-kunsill mgħandux tenders eżistenti li jkopru dawn l-affarijiet. Is-segretarju eżekuttiv saħqet, li dan il-proġett huwa finanzjat mija fil-mija (100%) minn fondi maħruġa ta' Project Green. Is-sindku rrimarka, li l-kunsill għamel talba lid-dipartiment tal-gvern lokali biex il-fondi li kien akkwista l-kunsill fuq il-proġett tal-belvedere ta' Triq 28 t'April, jiġu trasferiti fuq proġett ieħor li jixtieq jagħmel il-kunsill. Il-kunsill intalab biex il-perit jagħmel il-BOQ's flimkien mal-ġustifikazzjoni ta' bdil tal-proġett. Is-sindku fakkar lis-segretarju eżekuttiv biex tibgħat emejl lill-perit bħala reminder.

29.3.2 Is-sindku qal, li bħala sindku ġie mistieden mill-assoċċjazzjoni tal-kunsilli lokali għal-udjenza privata mal-Papa' ġo Ruma f'Ottubru. Is-sindku wera x-xewqa li jattendi, peress li s-sindku huma mitluba biex jikkonfermaw sas-sebgħa (7) t'Awwissu biex ikunu jistgħu jinxtraw il-flights kemm jista' jkun malajr. Il-kunsilliera qablu unanimament

29.3.3 Ċirkulari AKL – Smart City Expo Work Congress li ser isir f'Barcellona mit-tlieta (3) sal-ħamsa (5) ta' Novembru fejn qed jistiednu kunsilliera biex jipparteċipaw. Il-kunsilliera Cassar Sultana diġa wriet l-interess li tattendi. Is-sindku stieden lill-kunsillieri biex jekk ikun hemm xi ħadd ieħor interessat jattendi, il-kunsilliera Galea u segretarju eżekuttiv wrew l-interess li jattendu ukoll. Il-kunsilliera qablu unanimament li jistghu jmorru tlieta (3) ghal dan Expo.

Is-segretarju eżekuttiv ser tiċċekja jekk iridux jippreparaw xi ħaġa minn naħa tal-kunsillieri li ser jattendu w iġib aktar informazzjoni.

29.3.4 Il-viċi sindku stqar li jixtieq jattendi l-kors li ser isir ir-Rumanija għal-aħħar t'Ottubru. Is-segretarju eżekuttiv għadha qed tistenna iktar informazzjoni fuq dan il-kors.

## 29.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

29.4.1 Is-segretarju eżekuttiv qalet li bagħtet emejls u ċirkulari mportanti lill-kunsilliera. Il-kunsilliera kkonfermaw li rċievew dawn il-komunikazzjonijiet mibgħuta.

## 29.5 Attivitajiet

29.5.1 L-ewwel attivita wara l-festa kif diġa' kien komunikat f'laqgħat preċedenti ser ikun il-Beer Festival il-Ħadd sittax (16) ta' Awwissu fil-pjazza Santa Margerita. Bħala entertainment ser ikunu mistiedna l-Cash&Band kif ukoll Ira Losco akkumpanjata mill-band tagħha. Il-kunsill għaddej bil-preparamenti għal din l-attivita.

29.5.2 Il-Ġimgħa wieħed u għoxrin (21) t'Awwissu ser jibdew il-*Friday Nights* quddiem il-każini, bl-ewwel kantant mistieden ser ikun l-'Upper Lip'. Hemm bands oħra li ser ikunu qed jiġu mistiedna fil-ġimgħat li ġejjin, fosthom The Joy Givers, Divine Sinners u bands oħra lokali matul dawn il-*Friday Nights*. Is-segretarju eżekuttiv qalet, li daħlu ħafna lmenti il-kunsill peress li tkun trid tingħalaq it-triq u t-transport pubbliku jkun jista jgħaddi minn Triq Ta' Ċenċ. Is-sindku saħaq, li jrid ikun hemm uffiċċjal ta' Transport Malta xħin it-triq tkun magħluqa biex jidderiġi t-traffiku. Il-sindku rrimarka, li mportanti li jibda jitħaddem it-*traffic management* il-ġdid wara li jingħalaq il-proċess kollu. Dan importanti fost l-oħrajn biex tibda titħaddem ir-rotta l-ġdida tat-transport pubbliku, kif ukoll isiru double yellow lines, one-ways u zebra crossing. Ir-residenti ta' Sannat iridu jifhmu, li kif għandhom ix-xewqa l-kunsillieri li jibda jitħaddem it-*traffic management* il-ġdid, hemm proċess u proċeduri li jridu jieħdu l-ħin tiegħu. It-*traffic management* propost ġie finalizzat wara proċess sħiħ ta' konsultazzjoni mar-residenti fejn anki ngħataw iċ-ċans li jagħtu l-opinjoni u s-suġġerimenti tagħhom. Is-segretarju eżekuttiv stqarret, li l-aktar ilmenti li qed jidħlu l-kunsill huwa fuq Triq ta' Ċenċ, li xi ġurnata tkun two-way bit-tabella mgħottija bil-borża sewda u l-għada tkun miftuħa, u għalhekk toħloq xi ftit ta' konfużjoni u jista' jagħti lok għal-inċident ikrah. Is-sindku għamilha ċara, li l-ebda għaqda jew organizzazjoni m'għandhom dritt li jgħattu xi tabelli. Jekk it-tabella ma tkunx mgħottija u mhemmx uffiċjal jidderiġi traffic, it-triq ma' tkunx magħluqa. Il-kunsilliera Bajada saħaq, li l-boroż is-suwed li qed jintużaw biex jgħattu t-tabelli huma transparenti, u qed jissuġġerixxi li jekk hu possibli jsir kalamita. Il-kunsilliera qablu ma' dan is-suġġeriment, u l-kunsill ha jara jekk tkunx possibli.

29.5.3 Fil-laqgħat li jmiss, il-kunsillieri ser jiddiskutu fuq attivitajiet oħra li ser jsiru fi żmien li ġej. Is-segretarju eżekuttiv qalet, li qed taħdem flimkien mal-kunsilliera Cassar Sultana rigward l-attivita’ tal-Halloween.

## 29.6 Ilmenti u suġġerimenti

29.6.1 Il-kunsillier Bajada ressaq suġġeriment li wara t-tiġrija taż-żwiemel li jsir fl-okkazzjoni tal-festa ta’ Santa Margerita, tinħasel il-pjazza dak il-ħin, peress li jkun hemm ħafna rwejjaħ. Is-sindku saħaq, li meta kellhom il-laqgħa mal-kuntrattur qabel il-festa, kien hemm il-ftehim li l-pjazza tinħasel wara t-tiġrija taż-żwiemel. Is-sindku qal, li wara t-tiġrija, hu personali flimkien ma’ żewġ persuni oħra jagħmlu lejl sħiħ biex ineħħu t-turf artifiċjali u affarijiet oħra marbuta mat-tiġrija, waqt li jiġu wkoll l-ħaddiema jibdew jikinsu l-pjazza. Il-kuntrattur ilmenta, li s-sena l-oħra kellu ħafna tgergir għax kien qed itajjar l-ilma u anki semma li kien periklu għalihom ħabba l-karozzi għaddejjin. Il-kunsilliera Cassar Sultana saqsiet ukoll, kif waqt it-tiġrija taż-żwiemel, l-playing field ta’ Triq Marziena ma kienx magħluq, b’ħafna nies jidħlu biex jagħmlu bżonnijiet tagħhom. Is-sindku kien infurmat, li l-kuntrattur inkarigat nesa jagħlaq il-playing field. Is-sindku saħaq, li dawn in-negligenzi mhumiex aċċettabli, u fil-fatt anki llum, il-kunsill irċieva lment li l-playing field kien għadu magħluq u nfetaħ fl-10.00am. Dawn in-nuqqasijiet, qed jidher ikrah il-kunsill, sindku u kunsilliera, kif ukoll l-anqas hu ġust ma’ l-għaqda ta’ l-armar in ġenerali. Il-viċi sindku ressaq ukoll ilment, li wara li intrema l-logħob tan-nar ta’ l-art, inħarġet l-purċissoni tat-translazzjoni fost munzelli ta’ ħmieġ. Il-kunsilliera Cassar Sultana qalet, li veru kien hemm xi tindif li jrid isir, u fil-fatt mar membru tal-kumitat ta’ l-għaqda tan-nar inaddaf. Is-sindku kkonferma li l-pjazza inkinset u nħasslet bil-pressure washer wara t-tiġrija taż-żwiemel, u x’aktarx dan ir-ramel tal-lasktu u l-ħmieġ tela’ mit-tappieri ta’ fejn twaħħlu l-arbli tal-logħob tan-nar ta’ l-art. Is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv biex tieħu nota, biex is-sena d-dieħla wara li jintrama l-logħob tan-nar ta’ l-art, jibagħtu ħaddiema jnaddfu l-pjazza. Importanti wkoll, li wara li jgħaddi l-marċ, il-barriers jitneħħew u anki biex jitpoġġew t-tabelli tan-no parking. Irid ikun hemm sinerġija sħiħa u komunikazzjoni bejn il-kumitat tal-parroċċa li jorganizza l-festa, pulizija u l-kunsill lokali. Il-kunsill lokali joħroġ il-permessi neċessarji lill-għaqdiet tal-festa. Is-segretarju eżekuttiv ikkonfermat, li l-Pjazza ser tinħasel nhar is-Sibt l-ewwel (1) ta’ Awwissu, peress li kien baqa’ jiżżarma l-planċier. Is-sindku saħaq, li ma jaqbilx li dam daqshekk biex il-kuntrattur jaħsel il-pjazza, għax il-pjazza nkalata bil-ħmieġ. Il-kuntrattur seta’ ħasel il-pjazza u jdur mal-planċier, imbagħad xħin jiżżarma l-pjanzier terġa tinħasel kollha, u f’dan il-każ l-kuntrattur jitħallas addizzjonali, u ma jħallux nies igergru għalxejn.

29.6.2 Is-sindku ssuġġerixxa li fuq l-indafa fir-raħal, il-kunsill għandu iqabbad kuntrattur, peress li ċertu ħaddiema mhumiex inaddfu bizzejjed u l-kunsill għejja jirċievi lmenti fuq it-tindif. Għalhekk is-segretarju eżekuttiv ser tiġbor xi kwotazzjonijiet marbuta mat-tindif. Il-kunsill jippreferi li jkollu x jaqsam ma’ persuna waħda (kuntrattur), milli joqogħdu jiġru wara l-ħaddiema.

29.6.3 Is-segretarju eżekuttiv qalet, li l-kunsill riċieva talba biex isir hanger biex idendlu ż-żibel fi Triq Skerla. Is-sindku qal, li l-kunsill mgħandux problema li jagħmilha, pero’, probabilment

se jispiċċa li jkun hemm skip taħtha, kif ġara f'każijiet preċedenti. Is-sindku semma wkoll, li ta' Skerla kien hemm kaxxa kbira ta' washing machine mimlija ġebel kif ukoll il-bin qed ikun mimli bl-organic food. Issemmew wkoll xi cat houses li saru bil-kartun u kif qed ikun hemm persuni li jitfew fdalijiet ta' l-ikel minflok dry food, bil-konsegwenza li jkun hemm ħafna rwejjaħ.

29.6.4 Il-kunsillier fakkar li lis-sindku li kellha jsir xi bieba fit-tarf tal-playing field ta' Triq Marziena. Is-sindku qal, li hemm xi gaps bejn il-culvert u jistgħu jweġġgħu xi tfal u hekk ser isiru xi bollards u jitwaħħal wire. Is-segretarju eżekuttiv qalet li ordnat il-katini.

29.6.5 Il-kunsilliera Cassar Sultana rrapurtat li nqassmet tappiera mil-griżi fi Triq il-Kbira u ndikat il-post eżatt lis-segretarju eżekuttiv. Din it-tappiera ser tinbidel.

29.6.6 3.39pm - Is-sindku informa lill-kunsilliera li ser ikollu joħroġ mill-laqgħa minħabba mpenji oħra. Il-kunsilliera Galea ġiet mitluba biex taqra l-iskeda tal-pagamenti, fejn is-sindku kkonferma li rahom qabel il-laqgħa u minn naħa tiegħu jistgħu jiġu ffirmati.

## 29.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 07 /2026

29.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-iskeda ta' pagamenti Nru. 07/2026 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.
Proposta: Kunsilliera Frances Galea
Sekondata: Kunsillier Franco Bajada
Deċiżjoni: Approvata unanimament.

## 29.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

29.8.1 Il-laqgħa ntemmet fil-3.48pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss tal-kunsill ser isir l-Ħamis wieħed u tletin (31) ta' Awwissu is-1.30pm.

Konfermati, illum 31 ta' Awwissu 2026.

| | |
|---|---|
| **Iffirmata** | **Iffirmata** |
| Philip Vella | Jeanette Grima |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |